KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Ħdax (11)***

***Il-Ħamis, 13 ta' Marzu, 2025***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 11 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD (attenda fis-6:10pm) |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| Il-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**11.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**11.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

11.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 9 li nżammet nhar it-Tlieta, 11 ta' Frar 2025

11.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 9 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

11.2.3 **Mozzjoni Numru 11-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 9

Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsillier Steven Axisa

Il-Minuti Numru 9 ġew approvati unanimament.

11.2.4 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Numru 10 li ssejħet b'urġenza u li nżammet nhar it-Tlieta, 18 ta' Frar 2025

11.2.5 Il-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Numru 10 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

11.2.6 **Mozzjoni Numru 11-02** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja numru 10

Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsillier Steven Axisa

Il-Minuti Numru 10 ġew approvati unanimament.

**11.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 11(09) – Marzu 2025***

11.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 11(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11748 sa 11802 kif ukoll cheque bin-numri 7259 u 7261 li jammontaw €35,149.50

11.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

11.3.3 Il-Kunsillier Steven Axisa ġibet l-attenzjoni dwar il-kontijiet li qed isiru mingħand l-ironmongery fejn ppropona li jinġiebu xi kwotazzjonijiet ieħor biex titnaqqas ftit l-ispiża' tad-direct order. Is-Sindku Karl Boxall spjega li l-affarijiet li jinxtraw ħafna drabi jkunu qed jintużaw mill-ħaddiema tal-Kunsill biex jagħmlu x-xogħlijiet li jinqalgħu kuljum matul il-ġranet tal-ġimgħa, u għalhekk ħafna drabi jinxtraw mil-lokal biex jkun evitat telf ta' ħin. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tkun qed titlob xi kwotazzjonijet oħra fir-rigward.

11.3.4 **Mozzjoni 11-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 11(09)

Proponent: Il-Kunsillier Jesmond Aquilina

Sekondant: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

L-iskeda ta' pagamenti numru 11(09) ġiet approvata unanimament.

## 11.4 <u>Attivitajiet f'Jum Ħal Għaxaq</u>

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Kunsillier Stephen Attard (6:10pm)*

11.4.1 Is-Sindku Karl Boxall fetaħ id-diskussjoni dwar din il-materja sabiex jiġi konkluż il-programm ta' attivitajiet għal Jum Ħal Għaxaq.

11.4.2 Il-Kunsilliera Naomi Mizzi infurmat li l-Kunsill li ġiet avviċinata minn xi Ministeri fejn qalulha li l-ex-Kunsillier Twanny Vella qed jsostni li se jkun qed ifittex lill-Kunsill legalment tal-ispejjeż tal-iskultur li kien hemm biex sar il-Monument tal-Familja. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill preċedenti qatt ma kkometta li se jħallas dawn l-ispejjeż. Il-Kunsill preċedenti kien iddiskuta biss l-applikazzjoni tal-PA għall-permess.

11.4.3 B'referenza għal dawn iċ-ċirkostanza, is-Sindku Karl Boxall qal li hu mhux komdu li jistieden lis-Sur Twanny Vella fl-attivitajiet ta' Jum Ħal Għaxaq u dan wara li kien hemm diversi insinwazzjonijiet min-naħa tas-Sur Vella fil-konfront tas-Sindku. Wara diskussjoni żgħira, il-maġġoranza tal-Kunsill qablu li ġaladarba is-Sindku qed iħossu skomdu, huma jirrispettaw din it-talba u għaldaqstant qablu li ma jkunx mistieden. Rigward din il-kwistjoni, il-Vici Sindku Brian Xuereb xtaq jastjeni.

11.4.4 Rigward l-attivitajiet, il-Vici Sindku Brian Xuereb tkellem dwar l-ewwel attivita' li ser issir il-Ġimgħa 25 t'April bejn it-8am u s-1pm. Attivitajiet Sportivi b'diversi logħob fi Triq id-Dejl u fil-grawnd tal-5-a-side f'Dawret Ħal Għaxaq. Sports Malta se jkunu qed jassistu l-Kunsill fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita'. Il-midalji li se jkunu qed jingħataw lill-parteċipanti se jkunu qed jiġu sponsorjati mill-Onor. Andy Ellul.

11.4.5 Is-Sindku Karl Boxall flimkien mal-Kunsilliera Naomi Mizzi tkellmu dwar l-attivita' ta' filgħaxija fejn se jsir kunċert fil-Pjazza minn Glen u Amber mit-8pm 'il quddiem. Għal din l-attivita' l-Kunsill ibbenefika minn fond ta' €8000 mill-Arts Council kif ukoll l-istage minn Festivals Malta. Għal din l-attivita' is-Sindku Karl Boxall qal li se jipprova jġib iktar sponsors sabiex inkopri l-ispejjeż tas-sound. Il-Kunsill propona li bħala isem għal din l-attivita' jkun ta' 'Lejla Għaxqija' jew 'GħaxaqFest'. Il-Kunsill qabel ukoll li jinvolvi l-parteċipazzjoni tal-Għaqdiet u l-każini fejn apparti li jarmaw stall bl-ikel u xorb fil-Pjazza,

jissupplixxu d-dawl u l-arbli fil-Pjazza għal waqt l-attivita'. Permessi għal gabbani jinħarġu biss fi Triq G.M.Farrugia mill-Każin l-isfel. Għal din l-attivita' l-Kunsill se jkollu bżonn Risk Assessment kif ukoll Insurance Policy. Dwar dan il-Kunsill qabel.

11.4.6 Is-Sindku Karl Boxall qal li s-Sibt 26 t'April se ssir Quddiesa fil-Knisja fis-6pm u wara jsir il-kxif tal-Monument il-ġdid fid-daħla ta' Vjal il-Labour. Għal dan il-monument se nkunu qed ningħataw għajnuna finanzjarja mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura. Wara li jsir il-kxif u t-tberik tal-Monument, il-Kunsill se jkun qed jorganizza riċeviment fejn waqt ir-riċeviment isiru xi diskorsi kif ukoll jingħataw rikonoxximent u l-Premju Ġieħ Ħal Għaxaq li għal din is-sena se jsir Trofew kbir li fuqu jitnaqqxu l-ismijiet ta' kull min jingħata dan ir-rikonoxximent. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li ġab il-kwotazzjonijiet tal-ikel għal waqt ir-riċeviment fejn se jiġu kkonfermati fil-jiem li ġejjin. Huwa sostna li l-Kunsilliera għandhom jingħataw iċ-ċans li jaħdmu huma fuq dak li qed jiġu assenjati biex wara jippreżentaw lill-Kunsill dak li jkunu ħadmu fuqu għall-approvazzjoni.

11.4.7 Rigward l-attivita' tal-Ħadd filgħodu il-Kunsillier Stephen Attard qal li tkellem mad-Direttur tal-Ħabs fejn infurmana li se jkunu qed jiehdu sehem fl-attivita' tat-Tberik tal-Annimali billi jbiegħu xi prodotti minn tagħhom kif ukoll se jkun hawn preżenti l-klieb tal-ħabs kif ukoll il-karozza għal wiri. Matul din l-attivita' se ssir ukoll wirja tal-karozzi antiki fi Vjal il-Labour u Triq G.M.Farrugia. Is-Sindku Karl Boxall fakkar ukoll li fuq Santu Rokku dakinhar se jkun hemm ukoll il-Blood Donation Unit.

11.4.8 Il-Kunsillier Steven Axisa qal li t-tberik tal-annimali din is-sena se jsir minn fuq Santu Rokku sal-Pjazza fejn hemmhekk jiġu mbierkin l-annimali. Waqt l-attivita' se jinġabru ukoll xi donazzjonijiet għall-annimali. Din is-sena it-trophies se jkunu qed jingħataw bħala sponsor mill-Onor. Alicia Bugeja Said.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa l-Kunsillier Stephen Attard talab li jkun skużat (19:00)*

11.4.9 Il-Kunsilliera Christine Dalli flimkien mal-Kunsillier Steven Axisa tkellmu dwar l-attivita' li se tkun qed issir it-Tlieta 29 t'April mal-iSkola Primarja fejn it-tfal se jkunu qed jinħarġu mill-iskola u jipparteċipaw f'attivita' fuq Santu Rokku bis-sehem tal-klieb tal-pulizija u ż-żwiemel fejn se jagħtu show lit-tfal. Dwar din l-attivita' għadhom qed isiru l-arranġamenti mal-iskola.

**11.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

11.5.1 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li l-attivita' organizzata mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika se ssir il-Ħadd 30 ta' Marzu fil-Pjazza. Il-Kunsill approva.

11.5.2 Is-Sindku Karl Boxall qal li qed jaħdem fuq il-lista tal-mistiednin għar-riċeviment ta' Jum Ħal Għaxaq u qal li se jkun qed jgħaddiha lil kulħadd biex jivverifika u jżidu mal-lista.

**11.6 Korrispondenza**

11.6.1 Tressqet kwotazzjoni għaż-żbir tas-siġar fi Triq Għar Dalam wara talba mingħand residenti fejn infurmana li s-siġar qegħdin jagħmlu l-ħsara fil-propjeta' tiegħu. Il-kwotazzjoni tammonta għal €796.50. Il-Kunsill qabel li jinġiebu iktar kwotazzjonijiet, f'każ li tkun l-irħas waħda, il-Kunsill jaqbel li mmexxu biex isir iż-żbir neċċessarju.

11.6.2 Tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-iskema SPI/SCI/08/2025 dwar Għajnuna Finanzjarja għall-servizzi ta' kura għat-Tfal waqt Laqgħat Statutorji. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet biex min hu nteressat javviċinaha fil-ġranet li ġejjin.

11.6.3 Tressqet korrispondenza dwar talba għal laqgħa mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp rigward l-Appell tal-Kamra tan-Nar ta' Ħal Tarxien. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa maż-żewġ każini nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu fis-6pm.

11.6.4 Tressqet korrispondenza mingħand ir-Reġjun dwar l-allokazzjoni tal-uffiċjali tal-ERA għax-xahar li ġej. Il-Kunsill qabel li s-siti għandhom ikunu Triq il-Barklor, Triq San Guzepp u Trejqet Santu Kristu.

11.6.5 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex issir laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Kunsill ppropona tliet dati u se jkun qed jibgħathom lill-Kummissarju sabiex jikkonfermalna.

11.6.6 Tressqet korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand avukat f'isem il–Kunsill Lokali ta' Santa Lucija dwar il-kwistjoni tat-tipping fees mal-Wasteserv. Il-Kunsill qabel li dwar din il-kwistjoni jieħu parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill.

11.6.7 Tressqet korrispondenza mingħand resident dwar talba sabiex isiru xi devjazzjoni minħabba xogħlijiet li l-istess resident qed jagħmel fil-propjeta' tiegħu. Il-Kunsill qabel li jekk dwar din il-proposta' it-TM ma ssibx oġġezzjoni u tapprova, il-Kunsill m'għandu jsib l-ebda oġġezzjoni dwarha.

11.6.8 Tressqet korrispondenza dwar l-ewwel laqgħa mal-Kunsill tat-Tfal fejn bħalissa hemm miftuħin l-applikazzjonijiet għat-tfal li huma interessati. Din il-Laqgħa se ssir nhar l-Erbgħa 2 t'April bejn l-4pm u s-6pm fil-Kunsill Lokali. Il-Kunsill approva.

**11.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

11.7.1 Il-Kunsillier Steven Axisa tkellem dwar proġett tal-EU li jista' jkun hemm fil-jiem li ġejjin fejn jekk jista' jkun ta' benefiċċju għal Kunsill Lokali, ppropona li nuru l-interess li nipparteċipaw. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni fil-prinċipju iżda talab li jkollu iktar informazzjoni u f'każ li nuru interess importanti li jinżamm id-dritt li qabel nissieħbu, naraw f'iktar dettal fiex jikkonsisti l-proġett.

11.7.2 Il-Kunsilliera Christine Dalli tkellmet dwar l-attivita’ li qed torganizza mal-grupp tal-Aqra Miegi. Din l-attivita’ se tkun qed issir il-Ħamis 24 t’April 2025 fejn it-Telephone Box fi Vjal il-Labour fejn din se tkun qed tiġi restawrata u ġo fiha se ssir Librerija żgħira b’diversi kotba. Dwar din l-attivita’ l-Kunsill qabel.

11.7.3 Il-Vici Sindku Brian Xuereb ressaq talba sabiex titwaħħal road hump fi Triq il-Barbazzal għax qed ikun hemm ħafna sewqan eċċessiv. Il-Kunsill qabel li ssir iżda wara li jitlestew ix-xogħlijiet fi Vjal il-Labour.

**11.8 Mozzjonijiet**

11.8.1 Annessi mal-Minuti

**11.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

11.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Ħamis 10 t’ April 2025 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Karl Boxall
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 11**

**Mozzjoni Ref:** 11-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 9

**Brian Xuereb**
**Proponent**

**Steven Axisa**
**Sekondant**

**Data:** 13 ta' Marzu 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 11**

**Mozzjoni Ref:** 11-02

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 10

| | |
|---|---|
| **Brian Xuereb**<br>**Proponent** | **Steven Axisa**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 13 ta' Marzu 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 11**

**Mozzjoni Ref:** 11-03

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 11(09)

**Jesmond Manicolo**
**Proponent**

**Naomi Mizzi**
**Sekondant**

**Data:** 13 ta’ Marzu 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**